# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 82

**15 ta' April, 2019**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 82.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

**82.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier L Cachia Castelletti li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata.**

### 82.2 Mozzjoni – Direct Order Approval dwar ix-xogħlijiet għaddejien fl-ispazji miftuħa tal-Housing Estate.

**82.2.1 Is-Sindku spjega kif il-kuntrattur mqabbad mill-Kunsill Lokali waqa lura ferm fix-xogħol, u dan meta suppost, skond il-kuntratt, ix-xogħol ġa huwa lest. Is-Sindku stqarr li dan ġie komunikat lill-kuntrattur kemm permezz ta' ittra bl-avukat u kemm f'laqgħa li saret ftit ġimgħat ilu miegħu, li għaliha atttendew kemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill u huwa stess bħala Sindku.**

**Is-Sindku qal li fil-laqgħa l-kuntrattur ammetta li waqa lura fix-xogħol, u stqarr dakinhar li għandu jlesti ix-xogħol kollu tal-kuntratt sal-aħħar ta' April 2019.**

**Is-Sindku qal li fl-istadju li qegħdin llum, dan jidher li mhux ser ilaħħaq ilesti sa tmiem April 2019.**

**82.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li huwa għandu ittra mill-Perit tal-Kunsill li tikkonferma illi filwaqt li x-xogħol fl-ewwel sit huwa 90% lest, ix-xogħol fit-tieni sit huwa 5% biss lest. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra li l-Perit kiteb lill-Kunsill fejn il-Perit qiegħed ukoll jirrimarka l-perikoli li tħallew fih iż-żewġ siti, u li l-kuntrattur, għalkemm mgħarraf kemm il-darba, baqa jitratjeni milli jgħalaqhom skond il-liġi.**

**82.2.3 Is-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi, fejn il-publiku qed isofri nkonvenjent minħabba traskuraġni tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali stess, qiegħed hawn jiproponi illi nitolbu għall-permess mill-Ministru sabiex eventwalment, jekk ix-xogħol ma jitlestiex sal-aħħar ta' April 2019, il-Kunsill ikun jista jikkonkludi x-xogħolijiet permezz ta' *Direct Order* ma kuntrattur ieħor.**

**Il-Kunsill qabel.**

**82.2.4 Il-Kunsill qabel ukoll illi l-kuntrattur preżenti jitħalla jaħdem, jekk dejjem imur jaħdem, sakem ikollna f'idejna il-permess li jista jinħareġ *Direct Order*. Id-deċiżjoni mbghad x'ser jiġri bil-kuntrattur preżenti tittieħed dakinhar li jkollna permess ta' *Direct Order*, u nimxu fuq il-parir tal-Avukat.**

## 82.3 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 9 ta' Mejju, 2019 fis-6.45 ta' filgħaxija.

**82.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-sitta ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019.**

**IFFIRMATA_______**
**Max Zammit**
**Sindku**

**_IFFIRMATA__**
**Matthew Dimech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**